MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 184/2009

**A B f'isimha proprio**
**u f'isem bintha l-minuri C D B**
**vs**
**B E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Settembru 2000 u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla C D fit-8 ta' Lulju 2005; li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, peress li l-konvenut wettaq sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u mohqrija fil-konfront ta' l-attrici; illi l-hajja mizzewga ta' bejn il-partijiet saret impossibbli wkoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; illi l-attrici giet imkeccija mid-dar u ghalhekk il-partijiet huma separati *de facto*; illi l-konvenut irrifjuta kull proposta

ragjonevoli sabiex jintlahaq ftehim bonarju; illi ghalhekk l-attrici m’ghandhiex tbati l-ispejjez; illi m’hemmx lok ta’ rikonciljazzjoni; ghalhekk il-konvenut ghandu jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali [liema talba giet konvertita f’ wahda ta’ divorzju] bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut u minhabba inkompatibilita` ta’ karattru u tordna lill-attrici tghix separatament mill-konvenut; [2] tikkundanna lill-konvenut ihallas dak il-manteniment ghall-attrici u ghat-tifla minorenni C D inkluz provediment ghaz-zieda ta’ l-gholi tal-hajja u tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu tal-konvenut; [3] tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijet ta’ l-Artikoli 48, 50, 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta b’mod shih jew parzjali b’dan li l-konvenut jitlef nofs l-akkwisti minn data li ghandha tigi stabbilita minn din l-Qorti; [4] taffida lill-attrici l-kura u l-kustodja tat-tifla minorenni C D; [3] tillikwida s-somma dovuta mill-kovenut bhala manteniment lill-attrici u lit-tifla minorenni C D, [5] ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet okkorrendo permezz ta’ periti nominandi; [6] tordna illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti tigi likwidata, u tinqasam f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali; [7] tikkundanna lill-konvenut sabiex jghati lura l-oggetti parafernali ta’ l-attrici u fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenut ihallass lill-istess attrici l-valur taghhom kif likwidat okkorrendo anke permezz ta’ periti nominandi [8] tawtorizza lill-attrici tirregistra s-sentenza eventwali fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li [1] jaqbel li ghandu jigi ppronunzjat id-divorzju ghall-ragunijiet imputabbli lill-attrici u cjoe adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u ingurji gravi kommessi fuq il-konvenut; [2] jopponi li jhallas manteniment ghall-attrici peress li hija ddekadiet mid-dritt ta’ manteniment minhabba adulterju, izda ma jopponiex illi jhallas manteniment ghall-minuri pero’ jopponi li dana l-manteniment jinqata direttament mis-salarju tieghu; [3] jopponi li jigu mposti fuqu s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48, 50 u 51; [4] jopponi li l-kura u l-kustodja tigi fdata esklussivament f’idejn l-attrici; [5] ma jopponiex li l-

komunjoni ta’ l-akkwisti tigi xolta; [6] jaqbel li l-Qorti ghandha tillikwida u tassenja l-assi tenut kont tat-tortijiet kommessi mill-attrici li waslu ghat-tifrik taz-zwieg; [7] jopponi ghas-seba’ talba stante l-fatt li l-attrici ma kellha l-ebda assi parafernali; [8] ma jopponiex li s-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku; [9] jopponi ghall-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat is-sentenza datata 8 ta’ Mejju 2012 fejn giet akkordata t-talba l-konverzjoni tat-talba minn wahda ta’ separazzjoni personali f’ wahda ta’ divorzju a tenur ta’ l-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Settembru 2000, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Ensliegh D fit-8 ta’ Lulju 2005.

*Verzoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li l-konvenut sa mill-gherusija kellu certu fittagni u ossessjonijiet “*I even noticed his obsessions with posting his clothes, his wardrobe was state of the art no one could touch it. He used to fight about my wardrobe even it was all ordered*”[1]. Dawn l-ossessjonijiet, tghid l-attrici, kienu jestendu fuq il-karozza, futbol, tfaddil ta’ flus u li jzomm il-kontijiet, dejjem jikkalkula u jzomm dokumentazzjoni kull darba li jonfoq jew jixtri xi haga. Kull darba li kienet tghidlu xi haga ghax kienet tiddejjaq bis-sitwazzjoni kien jibki u jghidilha biex ma titilqux. Hija tghid li ghaggel biex jitgharsu .

L-attrici ssemmi xi problemi anke m’omm il-konvenut. Tghid ukoll li wara li zzewgu u marru d-dar taghhom biex jibdew il-hajja flimkien “*he started to cry like a small child crying for his mother telling me that he was not going to*

[1] Vol. III a fol. 662.

*learn to live without his mother and this whole scene continued for weeks. I was scared about his reaction but continued with life*"[2]

L-attrici ssemmi xi problemi li l-konvent kellu f'irkuptejh u li minhabba f'dan kien mar ghand diversi tobba u anke l-isptar ghal xi kura. Hija qalet li "*his medicines were making him angrier and more violent with words, sex and his acting. He used to drink beer often that as his pleasure everyday even when doctors told him he cannot drink with his condition but he did not care*"[3]

L-attrici ssostni li l-ossessjonijiet tal-konvenut komplew anke fiz-zwieg, kien ossessjonat bl-indafa u "*every evening he used to give me his instructions what is the must to clean the day after... he always found something to say, that I done wrong or that I did not manage with the to do. It was getting hard for me to follow him even for my health and pyschologically*"[4]. L-ossessjoni tal-konvenut kienet anke dwar il-flus u l-infieq kien ikun irid ikun jaf sa' l-anqas centezmu.

Fir-rigward tal-hajja intima tal-partijiet, l-attrici tghid li kien jisfurzaha sesswalment "*the most obsession he had that was the most thing I could not cope with anymore was force sex, he use to abuse me with force, he often wanted sex and from the morning his words were 'today we have to make sex'. I found out he was watching pornography on internet and on satellite... and do to me those scenes and positions that he used to watch*"[5]. L-attrici tkompli tghid li "*with force and violate me as I use to object his intensions, I used to try to resist him but he was too strong for me to react*"[6]. Hija tghid li sahhansitra kien ihalli lit-tifla tibki maqfula fil-kcina biex huwa jaghmel dan.

L-attrici tghid li wara sitt xhur li kellhom l-ewwel tarbija hija saret taf li kient qed tistenna t-tieni, wara ghaxar gimghat

---

[2] Vol. III a fol. 664.
[3] Vol. III a fol. 666.
[4] Vol. III a fol. 664.
[5] Ibid.
[6] Ibid.

il-konvenut kien reggha abbuza minnha u hija tilfet it-tarbija. Il-konvenut kien jghidilha li ma kinitx kapaci zzomm it-trabija.

Wara certu zmien, l-attrici tghid li bdiet titlef hafna piz, tnehhi l-ikel, kienet dejjem imdejqa u tibki, hija tghid li meta kienet tipprova tkellmu huwa kien jghidilha li jekk ma kienx jghogobha kienet taf fejnu l-bieb. Il-konvenut kien jghidilha li kienet tiddizgustah minhabba l-piz taghha u li kienet lesbjana.

L-attrici tghid kif fuq ix-xoghol taghha ltaqet ma' Justin, li llum huwa l-partner taghha u li kienu fethu qalbhom ma' xulxin peress li anke hu kellu xi problem mat-tfajla tieghu dak iz-zmien. Hija kienet tmur tiltaqa' mieghu wara li ddecidiet li tissepara. L-attrici tghid li meta sar jaf il-konvenut li kienet qieghda tiltaqa ma xi hadd, anke jekk wara li li bdew il-proceduri ta' separazzjoni, huwa beda jerfa' idejh fuqha u jibaghat memebri tal-familja tieghu biex isegwuha sakemm gab l-informazzjoni kollha fir-rigward ta' Justin u beda jippersegwitah.

L-attrici tghid li l-affarjiet iggravaw bejnithom u l-konvenut sar aktar vjolenti u ghalhekk bdiet il-proceduri ta' separazzjoni. Inoltre, tghid li "*E was hitting me, going out and enter drunk early in the morning, sometimes he used to come in my bed drunk trying to violate me, I was afraid and decided to go and stay to my sister's house with my daughter*"[7]. Wara xi ftit xhur l-attrici regghet irritornat llura d-dar sabiex tipprova tirranga s-sitwazzjoni wara li l-konvenut kien jibaghatilha messaggi li kien ser jikkommetti suwicidju. L-affarjiet baqghu jaggravaw u l-attrici regghet telqet u marret tghix go flat pero hija tghid li l-konvenut ma waqafx jippersegwitaha. Hija tghid li l-episodji ta' vjolenza baqghu jigru. L-attrici tghid li hija telqet mid-dar f'Marzu 2008 u fis-27 t'April 2008 hija telqet minghand ohtha u kriet appartement gewwa l-Fgura[8].

*Verzjoni Konvenut*

[7] Vol. III a fol. 669.
[8] Vol. IV a fol. 1221.

Ma jidhirx li l-konvenut ipprezenta affidavit jew ta’ x-xhieda[9] tieghu jekk mhux fir-rigward tar-rikors maghmul minnu dwar il-minuri.

Il-konvenut jghid li “*Justin Calleja, l-partner li wettqet l-adulterju miehgu, jigifieri adulterju doppju ghax kien hemm rikonciljazjoni fiz-zmien... [meta mistoqsi rajthom inti, joqghodu flimkien?] rajthom jiena, rajt hafna kemm-il darba jigifieri li dan l-partner ikun fir-residenza taghha u dan mhux issa, ilu mill-bidu... Dan dejjem ghex maghha u dan qed nghidu ghaliex jiena kemm-il darba ghaddejt minn quddiem l-appartmaent taghha f’hinijet diversi, f’hinjiet bikrin ta’ filghodu, f’hinijiet meta nsemmilek is-saghtejn, it-tlieta u l-erbgha ta’ filghodu, f’hinijiet li meta hu jispicca minn ta’ bil-lejl jigifieri qed nitkellmu fis-sitta ta’ filghodu hu diehel l-appartament taghha, jigifieri dan m’hemmx dubbju li dan il-persuna qieghed jghix maghha...din tghix go appartament ta’ one bedroom*”[10].

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet il-konvenut jaghmel is-segwenti allegazzjoni fir-rigward ta’ l-attrici:-

- *“Hrug sfrenat*
- *Atteggjament vjolenti u ta’ theddid*
- *Traskuragni fir-rigward it-tifla*
- *Jirrizulta mill-atti wkoll rikors intavolat mill-esponent fejn l-esponent talab provvediment lil Qorti peress li meta irritorna minn barra sab lil intimata rieqda fuq is-suffan tal-Kcina bit-tifla (dak iz-zmien kella sentejn u 4 xhur) bil-wieqfa fuq siggu tar-roti tilghab mal-wires tal-kompjuter*
- *Sms u mobile fones ta’ persuni mhux maghrufa minnu bl-isem ta’ Grazziella, Natasha, Caroline u Romina. L-esponent kien cempel dan n-numru u dejjem irrisponda ragel u dejjem kien l-istess lehen.*”[11]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi gie ammess mill-attrici stess li hija ghandha relazzjoni extra-matrimonjali, u li ghandha tifla ohra mill-partner

[9] Vol. I a fol. 123.
[10] Vol. I. a fol. 125 u 126.
[11] Vol. IV a fol. 1249 .

taghha[12]. Hija tammetti wkoll li meta giet segwita u rawha x-xhieda tal-konvenut fil-karozza fid-dlam hija kienet ma' Justin li huwa l-partner taghha "*jien u Justin konna qeghdin fil-karozza... m'ghandhiex idea fi x'hin kien. Dan kien filghaxija zgur u kien id-dlam. Konna qeghdin nitkellmu f'karozza l-Marza fejn hemm il-korsa*"[13]. Inoltre, l-attrici tammetti wkoll li meta t-tifla tkun rieqda, din l-persuna tmur id-dar ta' l-attrici wara x-xoghol f'hinjiet ta' bil-lejl u jitkellmu dak il-hin jew jidhol jiehu kafe. L-attrici tammetti wkoll li dan Justin "*raqad ghandi pero` imma mhux meta jkolli t-tifla*"[14] Illi ghalkemm l-attrici tghid li ma kien qieghed jigri xejn, huwa inkwantu inverosimili li dan kien daqstant innocent kif issostni l-attrici, tnejn min-nies li jridu jitkellmu biss jistghu imorru f'post pubbliku u mhux go karozza u specjalment tenut kont tal-fatt li dina r-relazzjoni rrizultat li tezisti tant li ghandhom wild flimkien u ssejjahlu l-partner taghha.

Illi minkejja li l-konvenut jinnega li qatt kellu hsibijiet suwicidali, jirrizulta mod iehor mill-file mediku fejn jghid li "*keep cont. Watch, close to nursing station if possible in view of recent suicidal ideas*"[15], "*even had some suicidal idiation*"[16], "*suicidal thoughts over Christmas*"[17]. Illi diversi xhieda ohra kkoraboraw il-verzjoni ta' l-attrici fir-rigward tal-karattru tal-konvenut, is-supervisor ta' l-attrici jghid, "*minn dejjem ma kienx jista' ghalija. Meta kienu ghaddejjin bil-glied ghajjarha lesbjana mieghi anke qalet li cempel lil ommha u qalilha li A lesbjana*"[18], omm l-attrici tghid"*meta kont nasal ghandhom jiena, jew kien jitla' `l fuq jew jaqbad il-mopp jew jibda jfarfar... lil A kien ikun irid jaqtaghha minn mal-familja sabiex ikollu pussess assolut fuqha*"[19] u oht l-attrici tghid "*niftakar lil E dejjem jghajjar lil A bid-difetti li kien jara hu biss fiha u hu dejjem ried ikun superjuri, jigifieri li hu sabih. Kien ighid li hu Mr. Perfect u li hu l-boss... ghandu l-kondizzjoni kerha tal-fittagni ghat-*

---

[12] Vol. III a fol. 657.
[13] Vol. III a fol. 655.
[14] Vol. III a fol 658.
[15] Vol. II a fol. 312.
[16] Vol. II a fol. 319.
[17] Vol. II a fol. 320.
[18] Vol. III a fol. 650.
[19] Vol. III a fol. 651.

*tindif esagerat. Biex ma thammiglux it-tifla kien isakkarha fil-kcina bil-gates u lanqas ohti ma kienet tista' ccaqlaq xi haga minn postha*"[20].

Il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet: minn naha wahda, il-komportament vjolenti u aggressiv tal-konvenut fil-konfront ta' martu, li fuq bazi ripetuta u abitwali jikkostitwixxi sevizzi u ngurji fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16, u l-adulterju konsegwenzjali minn naha l-ohra da parti tal-attrici. Dan il-komportament abuziv u ngurjuz taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin jattira l-applikazzjoni fil-konfront tat-tnejn, tal-Artikolu 48 fl-intier tieghu, u dan mis-27 ta' April 2008.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ghad-divorzju hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi milqugha b' tort, primarjament, u fi grad ta' zewg terzi [2/3] tal-konvenut, u sekondarjament u fi grad ta' terz [1/3] tal-attrici.

**Kura u Kustodja**

Illi permezz tal-verbal tas-smigh tat-30 ta' Novembru 2011[21] "*Id-difensuri nfurmaw lil Qorti li jidher li attwalment m'hemmx kwistjoni dwar l-access u kura u kustodja tal-minuri u li din il-vertenza hija regolata b'dak verbalizzat fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2011*" u cjoe "*B'referenza ghar-rikors ta' E B tas-6 ta' Gunju 2011, peress li mir-risposta tal-kontro-parti jidher li hemm qbil fuq il-modalita` tal-access favur il-missier, tilqa' t-talbiet ta' E B u dan wara li l-istess E B jiddikjara li peress li ghandu zieda fl-access mhux il-kaz li jmur jara lit-tifla l-iskola, slav attivitajiet skolastici fejn ikunu mistiendna l-genituri*"[22]. Kopji ta' dawn[23] qed jigu annessi ma' din is-sentenza b' mod li jiffurmaw parti integrali mill-istess sentenza [Appendici A]. Inolte, f'Jum il-Missier u f'gheluq is-snin tal-missier, il-minuri ghandha tqatta' il-gurnata mal-missier mill-10am sat-8pm u l-istess japplika ghall-Jum l-Omm u

[20] Vol. III a fol. 652.
[21] Vol. VI a fol. 1196.
[22] Vol. VI a fol. 1195.
[23] Rikors Nru 192/09NC Vol. II fols. 480, 481, 482,483, u 489.

gheluq snin ta’ l-attrici fil-konfront ta’ l-attrici. Il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena kif ukoll Hadd il-Ghid il-partijiet ghandhom jaqsmu l-gurnata u jalleternaw minn sena’ ghall-ohra fejn f’dina is-sena u cjoe 2013 il-minuri tkun mal-missier fil-Milied mill-10am tal-4pm, fl-Ewwel tas-Sena mill-4pm sad-9pm mentri Hadd il-Ghid mill-4pm sad-9pm. Is-sena ta’ wara dawn jalternaw u cjoe il-missier ikollu access ghall-minuri fil-Milied mill-4pm sad-9pm, fl-Ewwel tas-Sena mill-10am sal-4pm u Hadd il-Ghid mill-10am sal-4pm u hekk jibqghu jalternaw minn sena ghall-ohra. F’gheluq snin it-tifla l-missier ikollu access ghal minimu ta’ saghtejn.

Illi inoltre, skont il-verbal tas-smigh tat-8 ta’ Mejju 2012 iz-zewg partijiet qablu li “*ma jsibux oggezzjoni li t-tifla minuri tigi esposta ghal habib jew habiba taghhom*”[24] Fic-cirkostanzi specifici ta’ dan il-kaz, din il-Qorti ma tarax li dan imur kontra l-interessi tal-minuri li ghandha tibqa’ tghix ma’ l-omm.

Ghalhekk tordna li, filwaqt li l-kura u l-kustodja tibqa’ wahda kongunta, ir-residenza tal-minuri tkun dik ma’ l-omm hekk kif kienet tul dawn is-snin.

**Manteniment**

Illi l-partijiet it-tnejn iddekadew mid-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi rigward il-manteniment tal-minuri l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi relevanti, u l-bzonnijiet tal-minuri li llum ghandha wkoll bzonnijiet specjali, tikkomputa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tifla fl-ammont ta’ mija sitta u tmenin ewro [€186] fix-xahar[25], filwaqt li l-ispejjez kollha ta’ sahha u edukazzjoni tal-minuri ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet fi kwoti ugwali. Dan l-ammont jizdied kull sena skont l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja.

[24] Vol. VI a fol. 1222 tal-process.
[25] Hekk kif gie stabbilit fid-digriet datat 29 ta’ Settembru 2009 li jinsab Vol. I a fol. 118 tal-process.

Il-manteniment jieqaf hekk kif il-minuri taghlaq it-tmintax-il (18) sena, jew tlieta u ghoxrin sena (23), jekk tkun full-time student, kemm-il darba din ma jkollhiex impieg full-time b' introjtu regolari u adegwat.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Dar Matrimonjali*

Illi fir-rigward tad-dar matrimonjali **"Anfield, 21, Triq il-Vitorja, Qormi,** skont il-verbal tas-smigh tat-8 ta' Mejju 2012[26] il-partijiet qablu li din ghandha valur ta' mija u sebghin elf ewro [€170,000]. Qablu wkoll *"li l-Qorti takkorda sena biex din tinbiegh wara s-sentenza; u fin-nuqqas il-propjeta` tinbiegh taht l-awtorita` tal-Qorti skont il-ligi*". Inoltre, "*il-partijiet jaqblu li l-loan fuq id-dar matrimonjali ghadha tithallas minn E B*".

Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li din id-dar tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena mid-data li dan il-gudizzju jsir defenittiv bil-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont; u fin-nuqqas li jinbiegh fi zmien sena, allura l-fond jinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti skont il-ligi; u r-rikavat, wara li jigu mnaqqsa minnu: [1] il-bilanc tal-home loan li talvolta jkun ghadu dovut lill-Bank fid-data tal-bejgh; [2] il-krediti tal-konvenut konsistenti fis-segwenti ammonti: [a] l-ammont ta' LM9,000 [illum €20,970], kreditu parafernali tal-konvenut, [b] il-pagamenti tal-home-loan imhallsa mill-konvenut mis-27 ta' April 2008, sad-data tal-bejgh tal-fond, [c] u l-pagamenti maghmula mill-konvenut, rapprezentanti premiums ta' l-assikurazzjoni relatata mal-home-loan; il-bilanc mir-rikavat, wara li jithallsu l-imsemmija krediti, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Mobbli*

Illi z-zewg partijiet prezentaw listi dwar l-oggetti mobbli li kull wiehed minnhom jixtieq izomm. Fir-rigward il-Qorti tordna li, fil-kaz li fi zmien xahar il-partijiet ma jiftehmux dwar il-qsim ta' dawn l-oggetti bejniethom, dawn l-oggetti jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti, wara li jigu stmati mill-istimatur Peter Bonello li qed jigi nominat espert ghal dan il-ghan, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet.

[26] Vol. IV a fol. 1222 u 1223 tal-process.

*HSBC Children's Plan*
Illi skont il-verbal tas-smigh tat-8 ta' Mejju 2012 sucitat il-partijiet qablu li *"il-polza t'assigurazzjoni favur it-tifla, HSBC Children's Plan, tibqa' kif inhi favur it-tifla tal-partijiet u l-premium jibqa' jithallas minn E B. Il-partijiet jaqblu li jekk ghal xi raguni din il-polza tieqaf u tkun dovuta somma lill-partijiet bhala propjetarji tal-istess, din l-istess somma tinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li minnha jigi rifuz il-premium li hallas E B mid-data tas-separazzjoni*"[27]. Ghalhekk, konformament mal-volonta' taz-zewg partijiet, il-Qorti tordna li din l-assikurazzjoni tigi regolata fit-termini tal-imsemmi verbal.

*Vettura - Vitz*
Illi dejjem skont il-verbal tat-8 ta' Mejju 2012, oltre d-dar matrimonjali kif sucitata u l-polza ta' l-assigurazzjoni ukoll sucitata, l-unika vertenza li baqgha mill-aspett patrimonjali tal-partijiet hija fir-rigward tal-vettura Vitz.

Dina l-vettura giet akkwistata mill-partijiet waqt iz-zwieg u wara li huma kien bieghu karrozza ohra *Skoda Felicia* li fuqha kienu qed ihallsu self. Il-bilanc ta' dana s-self gie mhallas, fuq ammissjoni ta' l-istess attrici, mid-donazzjoni li saret mill-missier "*all I know that he* [missier il-konvenut] *gave them Lm9,000... he once came to me and asked what to do with that money I told to do whatever he wanted... after few weeks he came to me and told me he went to pay my car*"[28]. Ghalhekk jrrizulta li l-bilanc li l-konvenut hallas fuq il-vettura ghandu jigi rifuz lilu, bhala kreditu parafernali tieghu, mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq stabbilit. Il-vettura kienet tintuza dejjem mill-attrici u ghalhekk dina l-vettura qeda tigi assenjata lill-attrici fl-intier taghha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[27] Ibid.
[28] Vol. III a fol. 668 tal-process.

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, bi htija primarja tal-konvenut, u dik sekondarja ta' l-attrici;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment' u tichadha ghall-kumplament;
[3] tilqa' t-tielet talba, u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16
[4] tilqa' r-raba' talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kura u Kustodja';
[5] tilqa' il-hames u s-sitt talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[6] tichad is-seba' talba peress li ma ngabx prova li dawn jezistu;
[7] tilqa' t-tmien talba;

L-ispejjez ikunu a kariku ta' zewg terzi [2/3] in kwantu ghall-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------